KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Seba LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 48 Tnejn 18 ta' Settembru 2017

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-7:38 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Keith Cassar – Sindku
James Cassar – Viċi-Sindku
Rachel Tua – Kunsillier
Gianluca Busuttil- Kunsillier
Mario Sammut – Kunsillier
Angele Rapa – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Mark Micallef Costa – Kunsillier
Joseph Gatt - Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Jesmond Gauci-Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Christian Borg – Kunsillier

ASSENTI
Karl Tanti – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

Minuti
Is-Sindku Keith Cassar ippresjeda l-laqgħa.

48.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittra ta' apoloġija ta' Christian Borg u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

Is-Sur Borg għandu jippreżenta kopja ta' ċertifikat tas-sick biex l-assenza tiegħu tkun approvata, skont il-minuti tal-laqgħa 42 nru. 42.1.

48.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 47.

## 47.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Sindku nforma lil kunsilliera li tkellem mal-kunsilliera Dr. Rachel Tua fejn l'assenza tagħha għal-laqgħat tal-kunsill matul din is-sena kien minħabba mard fil-familja. Għalhekk is-Sindku talab l'approvazzjoni tal-kunsilliera peress li għalih l'assenza tas-Sinjura Tua hija ġustifikata. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw.

## 47.5.6 Youth Empowerment Centre u Day Care Centre

Il-Kunsilliera Maria Pia Bonnici staqsiet kif bqajna fuq il-kuntratt tal-Youth Empowerment Centre u Day Care Centre.

Is-Sindku informa lil-membri li ltaqa mas-sid tal-post, fejn sar qbil li jiġi estiż il-kuntratt ta' €15,000 *plus* VAT għal-sena oħra. Il-Perit għandu jlesti 'l-pjanti ta' kif ħa jinbena s-sular ta' fuq u l-ispejjes ta' kemm se jkunu bejn wieħed u ieħor. Wara nitolbu għall-approvazzjoni mid-DLG ta' dan il-proġett. Jekk dan il-proġett jkun approvat, u kif titlesta il-binja, il-Youth Empowerment Centre kif wkoll id-Day Centre jiġu relokati fiċ-Ċentru Ċiviku u nibdew niffrankaw din il-kirja.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti Nru. 47.

48.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza

### 48.3.1 Active Ageing Centre – Suġġetti ta' tagħlim għaċ-ċentri ta' anzjanita' attiva

Is-Sindku nforma li ltqajna mad-direttur tad-dipartiment tal-Active Aging Centre, fejn ma sabux oġġezzjoni li jiġi relokat id-Day Care Centre, anzi ħeġġu lil-Kunsill biex nieħdu l-immaniġġjar f'idejna, u d-dipartiment jibgħat t-*tutors* tagħhom b'xejn fuq suġġetti ta' tagħlim. Dan huwa kunċett innovattiv li jidher li s'issa qiegħed jaħdem ferm iktar min dak tradizjonali. Il-kunsill imbagħad jrid jsib voluntiera biex jkunu ma l-anzjani meta jżuru d-Day Care Centre.

### 48.3.2 Transport Malta – Permessi

Is-Sindku nforma lil-Kunsilliera li Transport Malta nfurmatna li permessi għal-krejnijiet, *skips*, *high-ups* etċ., f'toroq fejn hemm skejjel u postijiet ċentrali jridu jinħarġu wara 9:00am, u mhux aktar kmieni minħabba t-traffiku.

### 48.3.3 Skyline Web Cams

Is-Sindku nforma lil-Kunsilliera li rċevejna proposta minn kumpanija privata Sales & Projects Malta, fejn qed jipproponi li nagħmlu *webcam* li tkun *live streaming* 24 siegħa fil-pjazza. Din it-tip ta' kamera qed tintuża f'ħafna postijiet f'Malta bħal Belt, Naxxar, Mellieħa, Furjana u Msida, kif wkoll madwar l'Ewropa. L'ispiża tagħha hija ta' €1,100 *one-time payment* (€500+VAT u €600+VAT *with Audip*).

Is-Sindku ppropona li jekk nħajru xi *business* bħal xi bank, fejn jkun jidher il-*logo*, din l'ispiża nkunu nistaw nkopruwa. Pero' jekk ma nsibux *sponsor* din hija spiża ta' darba, u Sindku propona li ssir xorta waħda, għax attivitajiet li jsiru mil-pjazza għal min ma jkunx jista jattendi, tkun tista titgawda min fuq l-*internet*.

Il-membri preżenti approvaw unanimament.

48.3.4 Transport Malta – Seminar Sustainability & Mobility Planning
Is-Sindku nforma li ħa ssir laqgħa u ħa jistieden li jattendi l-kunsillier Dott. Karl Tanti, li għandu dekasteru tat-Trasport.

48.3.5 Attivita-Battlefields Military Vehicles
Is-Sindku ta rendikont ta' l'attivita li saret fil-5 ta' Awwissu 2017.
- €250 Kontribuzjoni għaqda vetturi u *re-enactment*.
- €100 *firing blanks*.

Il-membri preżenti approvaw unanimament.

48.3.6 Francesco Saverio Sammut -sitwazzjoni fi Triq Franġisku Pisani u Triq Sammy Calleja
Is-Sindku nforma li rċevejna ittra mingħand is-Sur Francesco Saverio Sammut, fejn fit-toroq Franġisku Pisani u Sammy Calleja, qed jsir sewqan eċċessiv, u ir-resident qed jitlob li jsiru *traffic calming measures*.

Il-Kunsiillera qablu li ssir talba lil Transport Malta.

48.3.7 Approval for Maltese as a Foreign Language Course
L-impjegat Krystof Oleksinski applika biex jieħu *course* fil-lingwa Maltija, li ħa jiswa €70, u talab l'appoġġ tal-Kunsill.

Il-membri preżenti approvaw unanimament li 'l-Kunsill jħallas għal dan il-*course*.

48.3.8 Premju Anzjanita Attiva 2017
Is-Sindku nforma li rċevejna mingħand l'Onorevoli Anthony Agius Decelis fejn matul ix-xahar ta' Ottubru ħa tiġi ċelebrata l'Anzjanita Attiva.

Il-Kunsilliera Mario Sammut, Joe Gatt u Frans Deguara għandhom jikkomunikaw mal-Kunsill biex jiproponu lil xi ħadd għal dan il-premju. L'applikazjonijiet għan-nomini jagħlqu fis-6 ta' Ottubru 2017.

48.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

48.4.1 Triq Ponsomby
Il-Kunsilliera Maria Pia Bonnici nfurmat li rċeviet ilment fejn hemm xi ħadt li għandu *store* qed jħalli barra xi kaxxi. Ġie ssuġeriet li niċċekjaw li 'l-kaxxa safra hija ta qis korrett.

Saret talba wkoll biex fl'istess Triq ssir *motorcycle bay*, viċin din il-kaxxa. Jekk dejjem il-marki tal-kaxxa 'safra hija ikbar milli suppost, napplikaw ma Transport Malta biex għal *motorcycle bay.*

48.4.2 Triq Tengħud tax-Xagħri
Il-Kunsilliera Frans Deguara nforma li rċieva ilment fejn hemm mekanik li għamel tabella tan-*no parking* faċċata fuq in-naħa opposta tat-Triq.
Is-Sindku nforma li dan l'ilment wasal għandu wkoll, u ġie mgħoddi lil pulizijja.

48.4.3 Chick King

Is-Sindku nforma li wasallu lment fuq *skip* mimlijja żibel li qiegħda ġo *parking bay* quddiem ic-Chick King. Din l-iskip ila mimlija biż-żibel xi ġimgħa, u hija illegali li qegħda ġo *parking bay.* Dan m'għandux permess u ġie rrapurtat lis-Sanita, kif wkoll lil Transport Malta u lil Pulizija, fejn dan ingħata nofs siegħa ċans biex inaddaf.

48.4.4 College Street

Il-Kunsillier Joe Gatt staqsa fuq ir-*road alignment* ta' College Street peress li hemm għalqa f'nofs ta' Triq. Ħa niċċekjaw jekk ir-*road alignment* ta' din it-triq hux ħa tkun irranġata.

48.4.5 PAMA – Bankini

Is-Sindku nforma li kellhom jsiru 4000 metru kwadru ta' bankini li dan kien *capped* b'ammont ta' flus, imma jidher li saru ħafna inqas bankini u l'ammont inħela kollu. Is-Sindku nforma li ħa jkellem lil Perit tal-Pama Charles Buhagiar u lil Paul Gauci biex jkollu rendikont ta' kif intefaq dan l'ammont daqshekk malajr peress li l-wegħda kienet ta' 4000 metru kwadru, u hemm diskrepanza kbira ta' kemm saru bankini.

48.4.6 PAMA – Ġnien Kevin Vella

Is-Sindku nforma li għandha l-pjanta finali ta' ġnien Kevin Vella (tal-ġibjun). Mil-flus tal-Pama suppost ħa nonfqu €250,000 fuq ġnien Kevin Vella u l-ġnien taż-Żokkrija. Il-pjanta proposta biex jsir ġnien Kevin Vella titla għal €400,000 u din l-ispiża mhux aċċetabli. Għalhekk is-Sindku għadda l-pjanta lil Perit tal-Kunsill għal parir tiegħu u nforma li l-ispiża fuq il-*concrete* u l-pavimentar hija extravaganti. Bħala *gym equipment* huwa dak li hu bħala prezz, imma bħala infrastruttura hija eċċessiva.

Is-Sindku ħa joqgħod fuq il-parir tal-Perit tal-Kunsill u ħa jiċċelinġja il-BOQ's li provdu l-PAMA. Għalissa l-ġnien taż-Żokkrija ħa jkun *on-hold.* Il-pjanti u l-BOQ's ħa jintbagħtu lil Kunsilliera.

48.4.7 PAMA – Monument ta' l-Iljun

Is-Sindku nforma li ltaqa mal-Perita u l-Inġinier fuq il-funtana ta' l-iljun, fejn qed nistennew il-pjanti u l-BOQ's.

48.4.8 PAMA – Ktieb

Is-Sindku nforma li l-ktieb lest mil-kitba u kemm jmur għal *printing.*

48.4.9 Gażetta Mosta Solidali

Is-Sindku nforma li din il-gazetta kella toħroġ għal Settembru, pero' bl'impenn tal-festa u biex jiġu organizzati Jum il-Mosta u Festa Qargħasel kien impossibli li titlesta. Għalhekk il-gazetta Mosta Solidali ħa tiġi preparata mil-kunsillier Frans Deguara biex toħroġ għal Diċembru.

48.4.10 Attivita għal-Milied

Is-Sindku nforma li qed nistennew approvazjoni mil-Gvern fuq attivita pjanata f'Diċembru, simili ta' meta sar il-presepju fil-pjazza, kor etċ.

48.4.11 Ġnien Reġġi Cilia

Is-Sindku nforma li l-ġnien Reġġie Cilia li jinsab wara l'kunsill issa qed jixgħel kollu, u nisperaw li ma jkunx hemm aktar vandaliżmu.

### 48.4.12 Akkużi fuq serq ta' għodda mil-proprjeta tal-Kunsill

Is-Sindku nforma li xi ħadt irraporta lid-DLG li nsterqu xi għodda mil-proprjeta tal-Kunsill. Id-DLG mill-ewwel saqsewna biex nivverifikaw, u fil-pront il-kunsill ħa ħsieb jinvestiga minnufih. Din jirriżulta mhux vera peress li s-Sindku u Segretarju Eżekuttiv kelmu mill-ewwel lil *handyman* tal-kunsill Philip Azzopardi, fejn fil-pront marru fil-garaxx tal-Kunsill u flimkien raw l'għodda kollha li kienu allegatament misruqa. Fil-fatt ic-*chaser* kien ġo kexxun, il-*weed cutter* kien fuq wara tal-garaxx u il-*welding set* kien mogħti.

Ġie allegat wkoll li 'l-*handyman* tal-kunsill jieħu xi *commissions* meta jmur jixtri mingħand taż-żebgħa. Dan ġie kollu negat u s-Sur Philip Azzopardi nfurmana li mhux lest jħammeġ ismu għal ċenteżmi u jissogra xogħolu peress li kull ma jixtri huma biss affarijiet żgħar bħal msiemer, *silicone*, katnazzi, qtugħ ta' ċwievet, żebgħa etċ etċ..

Aparti minnhekk il-kunsill jimxi maċ-ċirkulari tad-DLG fejn ta' spiss jinbiddlu l-ħwienet min fejn jkun hemm bżonn nixtru. Għalkemm nemmnu li dan mhux minnu xorta ser nieħdu passi 'u nfurmajna lill Philip Azzopardi biex jibda jvarja iktar min qabel il-ħwienet min fejn jixtri, u ma jibqax jixtri bil-*petty cash*, imma nifthu kont mal-ħwienet taż-żebgħa.

Is-Sindku u Segretarju Eżekuttiv għamluha ċara wkoll, li ma jsirux *deliveries* ta' ċekkijiet. Dawn kienu jsiru peress li ma kellnhiex indirizz provdut. Għalhekk ċekkijiet għandhom jiġu mpustati jew jinġabru mil-kunsill. Tajna struzzjonijiet wkoll biex ħadd ma jidħol fil-garaxxijiet jekk ma jkunx *staff* u/jew kunsilliera tal-kunsill.

Dawn l'akkużi saru min persuna li daħal il-garaxx jkellem impjegat tal-kunsill, u deherlu li għax ma rax l'għodda, dawn huma misruqin. Il-Kunsill irraporta lura lid-dipartiment, li l'għodda kienu fil-proprjeta tal-Kunsill, u ntbagħtu r-ritratti kif wkoll l'*invoices*.

### 48.4.13 Twinning - Żjara ġewwa Millbrae

Il-Kunsillier Frans Deguara rraporta dwar iż-żjara li għamel ġewwa Millbrae fejn ġie milqugħ mis-Sindku ta' Millbrae. Saru skambji ta' *mementoes* bejn iż-żewġ kunsilli, ġie preżentat l'abbozz ta' E.B. Vella waqt il-laqgħa tas-Sisters Cities, u saret laqgħa mal-Konslu ġenerali ta' Malta ġewwa San Francisco is-Sur Louis Vella.

Ġie preżentat fuq il-mejda rapport id-dettaljat li ħa jintbgħat lil Kunsilliera.

### 48.4.14 Ħarġa tal-Kunsill

Il-Kunsillier Frans Deguara nforma lil membri li 'l-ħarġa li jmiss ħa ssir fi-22 ta' Settembru filgħaxija, u ħa tkun żjara Dar Ġuża Mifsud tas-Siġġiewi.

### 48.4.15 Żjara b'kollaborazjoni mal-Kunsill ta' Kerċem

Is-Sindku nforma li fit-2 ta' Ottubru grupp min Kerċem ħa jżur il-Mosta fejn ħa jkollhom quddiesa fir-Rotunda, jżuru l-monti, u jekk jkun possibli żjara Ta' Bistra, imbagħad ħa nilqawhom għal-te, cafe, pastizzi u *sandwiches*.
Din hija *exchange* bejn il-Kunsilli fejn f'Diċembru ħa nkunu mistednin mil-Kunsill ta' Kerċem, fejn nkunu nistaw norganizzaw ħarġa għar-residenti Mostin.

48.4.16 Festa Qargħasel u Jum il-Mosta

Il-Kunsillier Frans Deguara staqsa biex is-sena d-dieħla għal Festa Qargħasel jitqassam xi tip ta' running order sabiex l-programm jimxi mingħajr xkiel. Huwa ġibed l-attenzjoni wkoll dwar l-bibita ta' Jum il-Mosta kif ukoll dwar is-seatings u s-Sindku spjega li minħabba nuqqas ta' żmien sar kollox bħas-sena ta qabel sabiex jinżamm ukoll il-budget allokat .

Il-Kunsilliera Dr. Angele Rapa ssuġġeriet li aktar kunsilliera għandhom ikollhom sehem fis-serata ta' Jum il-Mosta.

48.5 Rapporti

48.5.1 Rendikont Jum il-Mosta /Qaraghasel 2017

Is-Sindku nforma lil-Kunsilliera fuq l-attivitajiet li saru ta' Festa Qargħasel u Jum il-Mosta.
Festa Qargħasel kienet l-ewwel avveniment li organizza l-Kunsill, u jidher li nlaqgħet tajjeb ħafna u morna tajjeb u għandna pedament sod biex nkunu nistaw ntejbu din l-attivita għas-sena li jmiss. Bħala rendikont din ġiet tiswa €6,173, Jum il-Mosta ġiet tiswa €3,300, fejn dawn kellna fondi allokati ta' €5,000 mingħand id-DLG għal-Festa Qargħasel, u kelna €9,000 mil-LESA fejn dawn sar qbil li jintużaw għal-kultura.
Dokument tar-rendikont ta' l-ispejjes ġie mdawwar madwar il-mejda għal-informazzjoni tal-kunsilliera.

48.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

48.6.1 Skeda ta' pagamenti
Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

48.6.2 Purchase Orders
Il-purchase orders ġew diskussi u approvati unanimament.

48.6.3 Works Orders
Il-works orders ġew diskussi u approvati unanimament.

48.6.4 Petty Cash
Il-petty cash ġew diskussi u approvati unanimament.

48.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fid-8:25p.m. u ġiet aġġornata għas-16 ta' Ottubru fis-7.30 p.m.

Konfermati llum 18 ta' Settembru 2017.

Keith Cassar
Sindku

Lorraine Templeman
Segretarju Eżekuttiv